MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Numru 996/2003

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Raymond FArrugia ta' 45 sena, bin Paul u Carmela nee' Debono, imwieled Birkirkara fil-25 ta' Mejju 1958 u residenti 47 Santa Marija, Triq Kananea Attard u li għandu l-karta bin-numru ta' l-identita' 357258 (M)

2. Akkużat talli f'Ħal-Kirkop, fit-12 ta' Ġunju, 2003, għall-ħabta ta' l-4.00pm waqt li kien qed isuq karozza tal-linja numru DBY-412, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Marlon Busuttil.

3. Il-Qorti ntalbet ukoll, li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 u tiskwalifika lill-imputat mil-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li jidhrilha xieraq.

4. Rat l-atti kollha tla-proċess inklużi l-att tat-twelid ta’ l-imputat li għndu n-numru 3572 ta’ l-1958, il-fedina penali netta ta’ l-imputat, il-konferma tan-nomina ta’ l-esperti maħtura fl-inkjesta (fol.5), ir-risposta ta’ l-imputat li mhux ħati ta’ l-imputazzjonijiet (fol.7), il-Proċes-Verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Scerri Herrera intitolat ‘Inċident Stradali fi Triq Safi, Ħal-Kirkop fejn tilef ħajtu Marlon Busuttil u li seħħ fit-12 ta’ Ġunju 2003’, ir-Road Accident Report (fol.31 sa 350, l-artikolu mibgħut mill-Avukat Ġenerali a fol.70, il-qari ta’ l-artikoli (fol.74), u l-kunsens ta’ l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol.74).

5. Semgħet lix-xhieda bil-ġurament.

6. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

7. Mix-xhieda ta’ l-Ispettur Walter Spiteri jirriżulta li fit-12 ta’Ġunju 2003 kien seħħ inċident fejn ġuvni – Marlon Busuttil - kien spiċċa taħt karozza tal-linja. It-tabib Dr.P.Farrugia kien iċċertifika li Marlon Busuttil mejjet.

8. Dr.Vincent Galea, wieħed mill-esperti maħtura fl-inkjesta, ikkonferma r-rapport tiegħu fis-seduta ta’ l-1 t’April, 2004.

9. Il-Perit Valerio Schembri kkonferma r-rapport tiegħu fl-1 t’April, 2004. Mir-rapport u mill-pjanta skalata jirriżulta li l-mutur tal-vittma kien jinsab bejn ir-roti tan-naħa tax-xufier . Ħdejn il-mutur kien hemm il-vittma u għadira ta’ likwidu aħmar. Kien ikkonstatat brake mark mir-rota ta’ wara tan-naħa tal-passiġġier. (fol.133). Kien hemm brake mark ieħor fejnn ir-rota tan-naħa tal-bieba minn fejn jitilgħu l-passiġġieri għar-rota ta’ wara ta’ l-istess naħa. Instab ukoll tyre mark li jibda minn girfa li hemm quddiem ix-xarabank u tibqa’ sejra sa minn fejn jibda l-kantuniera tal-

ħajt tas-sejjieħ. L-inċident ġara f'kantuniera. Il-crash helmet kien wara t-tieni rota tan-naħa tax-xufier

10. L-espert tekniku Joseph Zammit ikkonferma r-rapport tiegħu fl-1 t'April, 2004. F'dan ir-rapport hemm stabbilit dawn il-punti:

***'a) Li fuq wara tax-xarabank instabu impronti, brake marks grassi li kienu ta' madwar għoxrin pied tul u jinsabu jiġbdu lejn in-naħa tax-xellug bir-rota ta' quddiem tax-xellug tax-xarabank tmiss mal-bankina taħt il-fond bl-isem 'Cloudes d'Or fi Triq Ħal-Safi kantuneira ma' Triq San Benedetto, Ħal-Kirkop.***

***b) Li għalkemm l-espert, mill-eżamijiet tekniċi li huwa għamel fuq ix-xarabank involuta, huwa sab difett fil-brejkijiet, fis-sens li dawn għalkemm jorbtu kollha imma r-rota ta' quddiem tan-naħa tax-xellug ma kenitx turbot ugwali, billi din kient tiġbed b'mod eċċessiv lejn ix-xellug;***

***ċ) Li għalkemm b'dan id-difett, dan bl-ebda mod ma kein il-kaġun ta' dan l-inċident, anzi kif ġraw iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, sabiex jiġi evitat l-inċident, id-driver Raymond Farrugia dawwar u ġibed l-isteering lejn ix-xellug, liema difett fuq is-sistema tal-brakes kompliet tiġbed u għenet aktar lid-driver biex jersaq aktar malajr lejn ix-xellug biex jipprova jevita inċident.***

***d) Illi fil-fehma ta' l-esponent (l-espert), it-telf tal-kontroll tal-motorcycle sar da parti tas-sewwieq tiegħu l-mejjet Marlon Busuttil, liema telfien seħħ meta għal xi raġuniġew appliakti l-brakes tal-mutur u ġie applikat biss il-brake tar-rota ta' wara u fi proċeduri normali meta sewwieq ta' kull motocycle, japplika l-brakes dan għandu dejjem japplika flimkien il-brake ta' quddiem.***

***e) Illi dan ma jirriżultax li ġie appliakt il-brake ta' quddiem.***

***f) Illi għalkemm sar manuvrar da parti ta' Raymond FArrugia, ix-xufier tax-xarabank, dan l-inċident kien inevitabbli min-naħa tiegħu, għaliex il-motocycle bid-driver b'kollox kein qiegħed jitkaxkar fid-direzzjoni tla-baus mingħajr kontroll.' (fol.37 sa 39).***

11. PS 849 Ivan Curmi xehed li fit-12 ta' Ġunju 2003 kien mar fuq il-post fi Triq Ħal-Safi, Ħal-Kirkop. Hemm sab karozza tal-linja bin-numru EBY 412 u mutur tal-fardal aħmar –FBJ 267 – mitfuħ taħt il-karozza. Il-vittma kien mgħotti fl-art viċin il-kaorzza tal-linja. Xhieda okulari ma kienx hemm u kien kellmu lix-xufier biss. Il-katavru kien isntab fil-parti tan-nofs u kellu t-tyre marks immarkati fuqu. Kien nofsu taħt il-karozza u nofsu barra. Il-mutur kien ukoll taħt nofs il-karozza tal-linja. L-individwu, jiġifieri s-sewwieq tal-mutur, kellu 17-il sena, ma kellux liċenzja tas-sewqan u l-mutur kien fuq missieru. Is-sewweiq tal-mutur mhux l-ewwel darba li kien ħa l-mutur lil missieru. **Jidher li x-xarabank kien ibbrekkja u ġibed mal-ġenb biex is-sewwieq tax-xarabank jevita l-ħabta. (fol.28).**

12. L-istess xhud qal li sab xi grif f'nofs tat-triq u deherlu li dan il-grif frisk kien ta' footrest (fol.28)u lid an kien sar qabel l-impatt. Dawn kienu fiddirezzjoni tax-xarabank.Dal-grif kien qisu ġej fid-direzzjoni tax-xarabank għar-rokna ta' quddiem. Ix-xarabank kienet fil-lane tagħha u l-grif kien kollu għal nofs it-triq.

13. Skond ir-rapport ippreżentat mill-istess xhud jidher

'li l-mutur FBJ 267 tal-marka Honda C 70 kien ġej minn Triq iż-Żebbiegħ, Kirkop. Huwa qasam fi Triq San Benedittu u baqa' sejjer fi Triq Ħal Safi, Kirkop (T.junction) fejn is-sewwieq Marlon Busuttil tilef il-kontroll tal-mutur għal xi raġuni mhix magħrufa, skiddja, u meta skiddja ħabat max-xarabank fuq quddiem u l-mutur spiċċa parzjalment taħt il-karozza. Kien hemm tyre marks fuq dahar il-vittma u kien hemm id-demm taħt il-karozza. Il-mutur kien qed jinsaq minn Ħal-Kirkop għal Safi waqt li x-

xarabank kienet qed tinsaq minn Ħal-Safi għal Ħal-Kirkop.'[1]

14. Xehed ukoll PC 627 Jesmond Saliba li kien mar fuq il-post u ra x–xarbank misjuqa mill-imputat u l-mutur taħtha. Marlon Busuttil kien mejjet in-naħa ta' quddiem tax-xarabank fuq in-naħa tal-lemin. Il-mutur kien in-naħa ta' wara. Meta ra lill-vittma, dan deher mingħajr crash helmet. (fol.38). Il-crash helmet kien quddiem ix-xarabank, jiġifieri fid-direzzjoni minn fejn kien ġej il-mutur. Kien ukoll quddiem il-mutur.

15. Xehed ukoll PC 507 Norbert Bellia li stqarr li hu kien ra lix-xarabank u kien hemm il-mejjet qiegħed wara r-rota ta'quddiem qisu fin-nofs tax-xarabank.

16. It-Tabib Paul Farrugia xehed li meta mar fuq kien sab lil Marlon Busuttil mejjet. (fol.49 et).

17. Ir-rapport ta' Dr.Mario Scerri, espert maħtur matul il-mori ta' l-inkjesta, juri ritratti tal-pożizzjoni tax-xarabank kif ukoll tal-katavru meta seħħ l-inċident. L-eseprt ikkonkluda li l-marki fuq id-dahar tal-katavru ta' Busuttil keinu kompatibbli mal-marki tat-tyres tax-xarabank. Kien jidher li hemm fratturi ta' l-ispina u tal-qafas ta-sider. Illi jidher li r-rota ta' quddiem tax-xarabank għaddiet minn fuq dahar il-vittma wara lid an għal xi raġuni jew oħra spiċċa ma' l-art. Illi l-abrażjonijeit u t-tbenġil deskritti fuq il-katavru kienu friski u kompatibbli ma' tkaxkir u blunt trauma. (fol.108).(Ara wkoll fol.114 taħt is-subtitolu 'Skeletal System' fir-rapport mill-patoloġisti).

18. It-Tabib Dr.Ali Salfraz ikkonferma li Marlon Busuttil kien tilef ħajtu minħabba laċerazzjoni fil-pulmun u fl-aorta wara aċċident li kien jinvolvi vettura.

19. PC 1147 Antoine Fenech ikkonferma r-relazzjoni tiegħu fid-9 t'Awwissu 2004 u kkonferma r-ritratti fid-9 ta' Frar, 2005. Fost ir-ritratti jispikkaw dak immarkat 03

[1] Ara wkoll x'qal ċertu Mikiel Mifsud (ID 0266555(M)) fir-rapport a fol.34. Dan qal li kien ra l-mutur isuq fid-direzzjoni taghhom, skiddja u s-sewwieq tax-xarabank dar lejn ix-xellug biex jevita l-ħabta.'

BNL101 u 03 BNL102 bit-tieni wieħed juri l-pożizzjoni tat-trakk Bedford u biż-żewġ ritratti juru kif ix-xarabank ġibdet lejn ix-xellug. Il-paragrafu 3 tar-elazzjoni (fol.68) hemm indikat fejn kienet id-daqqa fuq ix-xarabank – fuq il-bumper ta' quddiem naħa tax-xufier. Ħdejn l-istess bumper kien hemm daqqa u marka kif ukoll biċċa minn crash helmet u biċċa minn indicator tal-mutur.

**Artikoli ta' l-Avukat Ġenerali.**

**20. L-Avukat Ġenerali deherlu li mill-atti għandha tinstab ħtija taħt l-artikolu 225 tal-Kap 9.**

21. Xehdet ukoll il-Professoressa Marie Therese Camilleri flimkien ma' Dr.Salfraz li kkonfermat li l-mewt ta' Marlon Busuttil kien seħħet minħabba laċerazzjoni tal-pulmun u ta' l-aorta war inċident tat-traffiku. Il-vittma kellu ftit laċerazzjonijiet esterni. (fol.76) li kienu kompatibbli ma' inċident tat-traffiku. Jidher li kien hemm aktar sbrixxjaturi – 'abrasions' fuq is-sider. Il-mejjet ma kienx sempliċiment waqa' u miet. (fol.76). (Ara wkoll fol.114)

22. Dr.Ali Salfraz xehed li kien hemm ħabta qawwija (fol.77). Ma kienx jiġri li ġara li kieku wieħed minn dawk li ħabtu kienu weqfin, (fol.77). Huwa eskluda li jista' jkollok laċerazzjoni ta' l-aorta sempliċiment billi taqa' minn fuq mutur għax kien hemm kemm abrasions kif ukoll laċerazzjonijiet. L-istess xhud irrepeta li l-ġrieħi kienu vjolenti ħafna. Il-vittma bilfors tar biex kellu dawn il-laċerazzjonijiet. Huwa eskluda iżda li kien hemm xi paiż fuq il-vittma. Fuq in-naħa tad-dahar u fuq in-naħa laterali kien hemm xi abrasions. Kien hemm ksur tal-kustilji 1 -10 in-naħa tal-lemin f'ħafna bnadi. U dan seta' jsir biss b'ħabta qawwija. (fol.81). Dan ma jistax isir meta żagħżugħ jaqa' ma' l-art.

**Xhieda Difiża**

23. L-espert mekkaniku, is-Sur Joseph Zammit, imtella' mid-difiża, xehed li hu kien sab difett fil-brejkijiet imma dak id-difett kien li meta wieħed japplika l-foot brake, l-isteeringjiġbdek fuq in-naħa tax-xellug. L-inċident ġara

fuq in-naħa tax-xellug tat-triq waqt li l-motor cycle kien ġej mid-direzzjoni opposta. Il-motorcycle ġie minn fuq in-naħa tal-lemin għal fuq in-naħa tax-xellug meta x-xarabank ġibdet għan-naħa tax-xellug biex tevita l-inċident. Ġier applikat il-brake u bid-difett li kien hemm fuq il-brake iktar ġibed lejn in-naħa tax-xellug li ġie mal-bankina.

24. Wara mistoqsija mid-difiża, l-espert ikkonferma li s-sewwieq tax-xarbank kien ipprova jagħmel evażjoni għax ix-xarabank ħalliet il-brake marks. Irriżulta wkoll limeta għamlet l-evasive action, ix-xarabank kienet fuq is-side tagħha. Irriżulta wkoll li meta l-mutur ġie mill-faċċata kien qasam in-naħa tal-bus. (fol.91)[2] Lix-xarabank ma kinux ħallewha taħdem qabel tneħħa d-difett.

25. U a fol.92 dan l-espert qal hekk:

**'Avukat: Pero' eskludejtu li dan seta' kkontribwixxa b'xi mod għal dak l-inċident?**

**Xhud: Le, le, xejn. Anzi nerġa' ngħid li dak id-difett li kien hemm aktar għen biex il-bus marret fuq in-naħa tax-xellug.'**

26. Dr.Vincent Galea, imtella' mid-difiża xehed li ċertu konklużjonijiet kien wasal għalihom għax kien qalhomlu x-xhud Joseph Zammit fuq il-post bħal :

'fost l-oħrajn il-kwistjoni tal-brakes li tnejn minnhom ma kinux qed jorbtu.

27. Ix-xhud kompla stqarr li hu ma kienx jaf x'kien l-konklużjonijiet ta' l-eseprt tekniku (mekkaniku). Iżda huwa kien qies ir-rimarka li l-espert mekkaniku kien għamel fuq il-post u wiżiha huwa u jagħmel ir-relazzjoni tiegħu.

28. Dan ix-xhud irreferu għall-paragrafi 49 u 50 tar-relazzjoni tiegħu. F'dan il-apragrafi huwa qalli s-sewweiq tax-xarabank mhux responsabbli għall-waqgħa tas-

[2] 'Għadni kemm spejagajt lill-Qorti.

sewweiq minn fuq il-mutur  iżda x-xarabank kellu żewġ roti li ma jorbtux.  Issa ġaladarba l-imputat kien responsabbli mix-xarabank huwa kellha jkun attrezzat tajjeb beix ikun jista' jirrispondi għal kull eventwalita'.

**'Kull xufier li jkollu vettura taħt il-kontroll tiegħu għandu jassigura ruħu li din tkun roadworthy iktar u iktar meta tkun vettura ta' ċertu kobor……Li kieku l-erba' roti tax-xarabank kienu qed jorbtu, kieku l-vittma seta' kien għadu ħaj illum anke jekk seta' ġarrab feriti gravi**.'

29. Skond dan ix-xhud ix-xarabank kienet fil-ġenb tat-triq. Fil-ġenab ta' minn fejn kien għaddej ix-xarabank kein hemm trakk ipparkjat.  Ix-xufier ma setax jara għal ċertu tul għax it-triq ġejja ftit fl-imgħawweġ minn fejn kien ġej il-mutur. Ix-xarabnk ma setgħetx tgħaddi għax kien hemm it-trakk ipparkjat u qalgħet it-trakk  u ġeit biex iddur għal fuq ix-xellug tagħha.   Dan ix-xhud qal li x-xarabank ma kenitx fil-proper lane tagħha

'għax it-triq, jekk jgħaddu żewġ karozzi normali, kien hemm trakk ipparkjat.'u

'Ix-xarabank bilfors ma kenitx fuq is-side tagħha għax kienet qed iddur fuq ix-xellug.'

30.  Hawn l-Avukat ta' l-imputat intervjena

'Hija kellha tiskorri l-vettura pparkjata fuq ix-xellug.

 U x-xhud irrisponda:

'Hekk hu.'

31. Ix-xhud kellu dubju jekk ix-xarbank kenitx fuq is-side tagħha  jek itħeu t-triq u taqsamha min-nofs. (fol.99). In-naħa ta' quddiem tat-trakk kien imiss mal-bankina tax-xellug.  Ix-xhud xehed ukoll li sa fejn kien jiftakar hu, ix-xarabank kien qabeż it-trakk Bedford TK bin-numru tar-reġistrazzjoni JAL 442.  Kien qed jinstaq fuq in-nofs ta' Triq Ħal-Safi u dan peress li x-xufier tax-xarabnak  ried

jikser fuq ix-xellug tiegħu. Meta kien muri r-ritratt li ttieħed mis-scene of the crime officer, ix-xhud qal li, jista' jkun, li jekk ix-xarabank kien qabeż it-trakk, dan kien b'ximetru. (fol.103). Ix-xufier reid idur għal fuq ix-xellug. It-triq mhix T perfetta għax minn faċċata hija ftit 'curved'. Għal dik li hi viżwali kien hemm qisu d-doppju ta' l-Awla tal-Qorti. Ix-xarabank kellu madwar għaxar metri viżwali għax keient għoddha waslet fil-kantuniera. Meta dan ix-xhud tela' fuq ix-arabank, din bdiet tisservja. L-imputat kien qal li dak in-nuqqas ma kienx jeżisti qabel l-inċident. (fol.106). Kien hemm żewġ brake marks biss fis-sens li waħda fuq rota u l-oħra fuq rota oħra. Kien jorbtu waħda tax-xellug u l-oħra tal-lemin. Tnejn biss kienu jorbtu.

32. L-imputat ikkonferma x-xhieda li huwa kien ta waqt l-inkjesta. Huwa qal li huwa ma kienx sid ix-xarabank iżda biss ix-xufier. Huwa kien ra l-vittma jsuq il-mutur iżda f'nofs it-triq waqa'. Il-mutur baqa' ġej lejn il-karozza u miegħu baqa' ġej il-vittma. L-imputat ma kienx qed isuq għaliex minn Safi Road ried jikser għal Triq San Benedittu. Ix-xarabank ilu jsuqha sentejn. Il-manteniment tat-trakk jagħmlu s-sid wara li jkellmu l-imputat.

33. L-imputat kien stqarr li sa qabel ta l-brejk kollox kien jaħdem sew. It-trakk kien spiċċa angolat għaliex ipprova jiskapula lil tal-mutur. Lill-imgħallem ma kien qallu xejn dwar il-brejkijiet għaliex dawn kienu jaħdmu tajjeb. Ifr-rotta li kien għaddej fiha ilu jaħdimha ħames snin. It-trakk ilu hemm u kien sar parti mix-xogħol. Il-post fejn seħħ l-inċident huwa wiesa' biżżejjed biex jgħaddi xarabank ieħor. Ix-xhud żied jgħid li hu seta' jara lis-sewwieq tal-mutur u dan ta' l-aħħar seta' jara lilu. Il-mutur kien tul ta' żewġ xarabanks 'il bogħod.

34. L-imputat iddeskriva l-mument kruċjali hekk:

***'Kien ġej normali. F'daqqa waħda qam minn fuq il-mutur, żamm mal-handle tiegħu u baqa' jitkaxkar għal taħti. Jiena kont għaddej bil-mod u tfajt it-trakk mal-bankina biex nħallilu wisgħa fejn jgħaddi. Kien hemm wisgħa ta' xarabank in-naħa l-oħra. Huwabaqa' ġej fija u tkaxkar għal nofs it-trakk.'***

35. L-imputat qal li l-vittma ma kienx liebes il-crash helmet għax dan kien imdendel mal-handle. Ix-xarabank kien milwi għaliex l-imputat tefa' l-karozza kemm jista' jkun mal-bankina. Lanqas kien hemm bżonn tmur mas-side l-ieħor tat-triq biex iddur. L-imputat baqa' jinsisti li huwa kien baqa' fil-karreġġjata tiegħu. L-imputat kien għadu kif jaqla' minn fuq stejġ.

36. L-aħħar xhud kien Michael Mifsud li kien passiġġier fuq ix-xarabank u sema' biss pjanċi jħabbtu. Qabel l-inċident ma kien ra xejn.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

37. L-Avukat Ġenerali bħala artikolu ta l-artikolu 225 tal-Kap 9. Dan l-artikolu jgħid hekk:

**'Kull min b'nuqqas ta' ħsieb, bi traksuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas t' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhxu iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħamest elef lira.'**

38. Mill-provi prodotti jirriżulta bla ebda dubju li Marlon Busuttil miet waqt l-inċident li fih kien involut il-mutur tiegħu kif ukoll ix-xarabank misjuq mill-imputat. Id-dettalji mogħtija mill-espert forensiku u mill-patoloġisti ma jħallu ebda dubju li l-mewt kienet kaġunata minn impatt vjolenti. Dan l-impatt huwa kkonfermat b'dak li sema' wieħed mill-passiġġieri, Michael Mifsud, li kien prodott bħala xhud.

39. Dwar id-dinamika ta' l-inċident, il-Qorti għandha quddiemha

(a) ritratti miġbudin tajjeb ħafna u li jagħtu stampa ċara tal-pożizzjoni tax-xarabank, tal-mutur u tat-truck li kien ipparkjat (għalkemm dan it-trakk ma jidhirx fil-pjanta mħejjija mill-perit arkitett);

(b) ir-ritratti miġbuda mill-espert forensiku;

(ċ) l-istqarrija magħmula mill-imputat ***a tempo vergine,*** l-ispjegazzjonijiet li ta, u l-imġiba tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda;

(d) ir-rapport ta’ l-espert Dr.Vincent Galea;

(e) Ir-rapport ta’ l-espert Joe Zammit. (Ara paragrafu 10)

40. Fil-fehma tal-Qorti, sabiex l-imputat jinsabx ħati jew le taħt l-artikolu 225, jinħtieġ li tkun stabbilita id-dinamika ta’ l-inċident, **b’mod partikolari li wieħed jorbot lill-imputat ma’ dak li ġara.**

41. Jidher li wieħed mill-esperti rabat kollox mal-fatt li kien hemm difett fil-brejkijiet. Il-konklużjoni tiegħu hija msejsa fuq il-prinċipju li la għandek vettura f’idejk – b’mod speċjali waħda kbira u tqila bħal xarabank – allura int repsonsabbli li din tkun roadworthy għaleix int trid tkun lest għal kollox. Dan huwa punt importanti għaliex kull min għandu vettura – kbira jew le – huwa tenut li jara li din mhux biss tajba bien tinsaq iżda wkoll imħejjija għall-emerġenzi.

42. Iżda l-Qorti, wara li kien ikkonstatat dan il-punt, ipprospettat dawn il-possibilitajietli għandhom x’jaqsmu mal-każ odjern:

a) Difett fil-brejkijiet għax waħda ma torbotx ugwali u dan ikun il-kawża tad-dannu.

b) Difett fil-brejkijiet għax waħda ma torbotx ugwali u minħabba f’hekk inċident ma kienx evitat jew ma tħaffux il-konsegwenzi tiegħu;

ċ) Difett fil-brejkijiet għax waħda ma torbotx ugwali iżda s-sewwieq ma kellu ebda tort;

d) Difett fil-brejkijiet għax waħda ma torbotx ugwali u d-difett wassal biex is-sewwieq jersaq aktar ‘il bogħod mill-post ta’ l-inċident għalkemm dan ma kienx finalment evitat.

43. Il-Qorti qed tiżen b'mod speċjali dak li rrelata, ikkonferma bil-ġurament u irrisponda waqt il-mistoqsijiet li sarhulu l-espert mekkaniku Joseph Zammit. Mill-konklużjonijiet tiegħu jirriżulta b'mod l-aktar ċar li:

(i) l-inċident seħħ minħabba nuqqas tal-vittma stess (fol.38 par.13);

(ii) li minkejja li kien hemm id-difett li r-rota ta' quddiem tan-naħa tax-xellug ma kenitx torbot ugwali għax din kienet tiġbed wisq lejn ix-xellug dan id-difett fis-sistema tal-brakes kompla ġibed u għen lix-xufier biex jersaq aktrar malajr lejn ix-xellug biex jipprova jevita l-inċident.

44. L-imputat sostna li d-difett ma kienx jeżisti qabel kellu jiġbed ix-xarabank bil-qawwi biex jipprova jevita l-inċident. Dwar din id-dikjarazzjoni l-Qorti għandha r-riservi tagħha għalkemm ma saret ebda mistoqsija da parti tal-Prosekuzzjoni jew tad-Difiża jekk dan id-difett kienx jeżisti qabel jew le.

***<u>45. Iżda wkoll jekk il-Qorti kellha tieħu l-agħar ipotesi kontra l-imputat xorta jibqgħu l-konklużjoniet ta' l-espert tekniku li jekk dan id-difett kien jeżisti minn qabel, dan seta' aktar għen biex jiġi evitat l-inċident milli kien il-kawża ta' l-inċident. Isegwi għalhekk li mill-erba' prospetti msemmijin fil-paragrafu 42, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-aħħar prospett huwa l-aktar konsonanti ma' dak li ġara.</u>***

46. U hawn huwa l-qofol ta' dan il-każ: kif seħħ l-inċident. L-espert tekniku ta spjegazzjoni dwar dan il-punt fil-paragrafu 13 meta rrelata li l-vittma ta' l-inċident applika l-brake tar-rota ta' wara meta sewwieq ta' motorcycle 'dan għandu dejjem japplika flimkien il-brake ta' quddiem'. (fol.39).

47. Waqt illi l-każistika qatt ma eżonerat lil xi sewwieq minħabba contributory negligence tas-sewwieq l-ieħor[3]

[3] Il-Pulizija versus P.Vassallo: Volume XXXV.IV.883

jew meta l-emerġenza tkun maħluqa mis-sewwieq stess[4]; waqt li dejjem insistiet li sewwieq għandu dejjem iżomm 'a proper look out'[5], b'danakollu ma jfissirx li ma jistgħux jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn in-negliġenza ta' ħadd ieħor tkun deċisiva għall-inċident [6] u li għalhekk sewwieq m'għandux jinstab ħati.

48. L-analiżi ta' l-evidenza turi

(a) li l-imputat u l-vittma kienu f'pożizzjoni li setgħu jaraw lil xulxin;
(b) li l-imputat prattikament ra ġejjin lejh l-ewwel il-mutur u mbagħad lill-vittma;
(ċ) li l-imputat ma setax kien qed isuq b'xi speed qawwi minħabba li kien għadu kif qed jaqla' minn stejġ;
(d) li l-imputat ipprova jirreaġixxi għas-sitwazzjoni billi ġibed kemm seta' lejn ix-xellug malli ra lill-vittma ġej mill-faċċata;
(e) li jidher li l-vittma ma applikax il-brejkijiet kif suppost.

49. Stante dan kollu, il-Qorti ma sabet ebda prova fil-proċess ta' xi negliġenza da parti ta' l-imputat li kkawżat l-inċident jew li b'xi mod ma taffietx l-effetti tiegħu. Il-Qorti lanqas ma tista' tikkonkludi li n-nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti – bħalma huwa in-nuqqas ta' xi ħarsien fir-roadworthiness tax-xarabank – hija b'xi mod marbuta ma' dak li seħħ. U meta jseħħ inċident, biex wieħed jinstab ħati bilfors irid ikun hemm **xi irbit ta' kawża u effett** bejnu u bejn l-akkadut għax ebda inċident ma jiġri fl-astratt..

## Konklużjoni

50. Għaldaqstant ġaladarba l-imputat ma kkawżax l-inċident b'negliġenza u ġaladarba l-Qorti ma tistax torbot id-difett konstatat ma' dak li seħħ, isegwi li l-Qorti, wara li rat l-artikolu 225 tal-Kap 9 u l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat, qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni.

---

[4] Il-Pulizija versus Captain A. Gera – Qorti ta' l-Appell Kirminali 13 ta' Diċembru 1968
[5] Il-Pulizija versus Robert Zaffarese- Qorti ta' l-Appell Kriminali 6 ta' Novembru, 2002
[6] Ara; Il-Pulizija versus Ernest Happle Volme XI paġina 1243 u Il-Pulziija versus Reverend Carmelo Mifsud – Qorti ta' l-Appell Kriminali 5 ta' Settembru 1953

51. Konsegwentement il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------